# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**

**[Spettur Dorianne Tabone]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 116/2022**

**Illum, 10 ta' Marzu, 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentrici tal-karta tal-identità bin-numru -Omissis- akkuzata talli f'xi zmien fis-sena 2020 gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommettiet att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jikkostitwixxix wiehed mid-delitti ikkunsmati jew attentati imsemmijin fl-artikoli 198 sa 206, it-tnejn inkluzi ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq il-persuna ta' -Omissis- u cioe minuri taht il-hmistax-il sena, mwieled fit--Omissis- u detentur tal-karta tal-identita -Omissis-;
   Artikolu 207 u Artikolu 208AC (2)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, tat fastidju sesswali lil -Omissis- u cioe minuri taht il-hmistax-il sena mwieled fit--Omissis- u detentur tal-karta tal-identita -Omissis-, billi issoggettatu ghal xi att u mgiba li kellhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, fejn dak l-att, kliem u mgiba ma kinux mixtieqa mill-vittma u jistghu ragonevolment jitqiesu offensivi, umiljanti degradanti u intimidatorji lejh;
   Artikolu 251A(1)(e) Artikolu 251H(d) u Artikolu 208AC(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. **U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi gabet ruhha b'mod li kienet taf jew missha kienet taf li kienet ta' fastidju ghal -Omissis- u cioe`minuri taht il-hmistax-il sena mwieled fit--Omissis- u detentur tal-karta tal-identita -Omissis-; Artikolu 251A (1)(b), Artikolu 251H (d) u Artikolu 208AC (2)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputata fil-prezentata fejn hi wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat il-Fedina Penali tal-imputata li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghoxrin (20) ta' Ottubru, 2022 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 207, 202 (g)(k) u 208AC (2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 251A (1)(e), 251H (c)(d) u 208AC (2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 251A (1)(b), 251H (c)(d) u 208AC (2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17, 18, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta datata sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru 2024.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi xehdet <u>l-Ispettur Dorianne Tabone</u> li pprezentat stqarrija tal-imputata, dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd ghall-assistenza legali, il-fedina penali tal-imputata kif ukoll certifikati tat-twelid tal-imputata u tal-vittma minuri. Tghid li fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena 2022 irceviet referral minghand ic-Child Protection Services rigward tifel ta' tnax (12)-il sena -Omissis-. Tghid li l-vittma minuri kien kellem lil missieru u infurmah li z-zija t'ommu li kienet tirrisjedi maghha kienet messet il-parti privata tieghu. Tghid li hi talbet ghal iktar informazzjoni u ghalhekk saret intervista forensika li giet mghoddija lilha. Tghid li f'din l-intervista t-tifel kien qal fiz-zmien li sehh ir-reat hu kellu hdax (11)-il sena u waqt li kien wahdu d-dar ghajtitlu l-akkuzata. Tghid li hu mar gol-kamra taghha bl-impressjoni li xtaqet xi ghajnuna meta minflok hi nehhitlu l-qalziet u tatu daqqa fuq il-parti privata tieghu. Izzid tghid li hu telaq mill-kamra u cempel lil ommu li kienet barra taghmel xirja u avzaha dwar dak li gara.

Tkompli tixhed li hi baghtet ghat-tifel u kellmitu hi. Tghid li rat li l-vittma minuri kien konsistenti f'dak li allega u kien ghalhekk li hi kellmet lill-akkuzata sabiex tittiehed l-istqarrija filwaqt li tatha d-dritt tal-assistenza legali liema dritt gie michud. Tghid li fl-

istqarrija l-akkuzata kkonfermat dak li gara filwaqt ma setghetx tiftakar hafna. Tghid li l-imputata nsistiet li kien il-vittma minuri li nehha l-qalziet. Tixhed ukoll li hi kellmet lil omm il-vittma minuri u cioè -Omissis- li spjegat li dak iz-zmien kienet tghix -Omissis- flimkien mal-imputata stante li kienet separata minn mar-ragel. Tghid li wara l-allegat incident il-kuntatt bejn il-vittma minuri u l-imputata naqas stante li l-omm sabet post iehor fejn setghet tirrisjedi. -Omissis- stqarret li l-imputata tbati mill-vizzju tax-xorb.

Inkontroezami tghid li hi qabel ma hadet l-istqarrija tal-akkuzat hi tatha d-drittijiet skont il-ligi. Tixhed li qabel ma hadet l-istqarrija hi kellmet lill-familjari taghha u cioè -Omissis- kif ukoll lill-oht l-akkuzata. Tghid li -Omissis- hija omm it-tifel. Tghid li hi gabet konferma li l-akkuzata ma tbatix minn xi kundizzjoni. Tghid li l-akkuzata kienet qieghda tikkomunika sew maghha.

Illi xehdet <u>**Rodianne Mallia**</u> inrapprezentanza ta' Child Protection Services u tghid li hi l-involviment taghha fil-kaz tal-vittma minuri kien wiehed zghir. Tixhed li fi Frar tas-sena 2021 ic-Child Protection Services gew infurmati mill-Kottonera Community

Services li l-vittma minuri kien stqarr li z-zija t'ommu, certa -Omissis-, kienet messitu b'mod mhux xieraq f'Dicembru. Tghid li l-vittma minuri sahaq li dan gara darba (1) wahda biss. Izzid tghid li filwaqt li kien imdejjaq b'dak li gara hu xorta kien imur s'ghand l-akkuzata. Tghid ukoll li missier u omm il-vittma minuri kienu infurmati b'dak kollu li gara. Tixhed li xogholha kien li tigbor iktar informazzjoni u skopriet li dakinhar f'Dicembru l-vittma minuri kien qieghed fuq is-sufan meta z-zija, u cioè l-akkuzata, ghajtitlu u hi ppruvat tnehhilu l-qalziet filwaqt li ghafset lilha nnifisha mal-vittma minuri. Tghid li hi ddiskutiet il-kaz mal-Ispettur Dorianne Tabone u gie maqbul sabiex il-kaz jigi riferut lill-Vice Squad. Tghid li eventwalment gie maqbul li ssir intervista forensika da parti ta' Valentina Mintoff. Tghid li l-vittma minuri kien konsistenti fil-verzjoni tieghu.

Tkompli tixhed li s-sitwazzjoni tal-familja tal-vittma minuri hija li l-omm u l-missier huma separati. Tghid li stante li l-omm kienet tghix mal-akkuzata t-tifel kellu jerga' jidhol fir-residenza fejn tghix l-istess akkuzata. Izzid tghid li filwaqt li l-missier ma xtaqx li t-tifel ikompli jzur liz-zija, l-omm ma setghetx tgharaf is-serjetà tas-sitwazzjoni. Tghid li ma tafx fejn qieghed jirrisjedi l-vittma

minuri. Izzid tghid li l-vittma minuri gie mitkellem darba u kien gie rrekordjat sabiex jipprevjenu milli jkun hemm rivittimazzjoni. Tghid li hi ma kellmitx lill-vittma minuri u li xehdet fuq l-informazzjoni li gabret.

Illi xehed il-vittma minuri **-Omissis-** li jghid li ghandu tlettax (13)-il sena. Jghid ukoll li ommu hija -Omissis- u kien kellem lill-Ispettur Dorianne Tabone gewwa d-Depot tal-Furjana flimkien m'ommu. Jixhed li hu kien mar jaghmel rapport id-Depot stante li hu kien qieghed ghand zitu -Omissis- li ghajtitlu gol-kamra taghha. Jghid li hu dahal bil-hsieb li jghinha tirranga t-television. Izid jghid li r-residenza ta' fejn sehh l-allegat reat kienet go -Omissis-. Jixhed li bhala zmien li sehh l-allegat reat kien qisu bejn l-ahhar tas-sena 2019 u l-bidu tas-sena 2020. Jixhed ukoll li kien imur ta' spiss ghand iz-zija u li din kienet l-ewwel darba li z-zija kellha bzonn ghajnuna bit-television. Izid tghid li meta dahal fil-kamra tas-sodda taghha hi qamet bilwieqfa u marret lejh u qabditlu l-parti privata tieghu minn fuq il-hwejjeg. Jixhed li hu kien liebes qalziet tat-tracksuit u hoodie. Izid jghid li hi zammet idejha fuq il-parti privata tieghu u wara madwar sitt (6) sekondi hareg mill-kamra. Jikkonferma li matul dan kollu hu kien dejjem

imlibbes. Jghid ukoll li l-akkuzata m'ghamlet ebda movimenti b'idejha. Izid jghid li hu kien cempel lil ommu li harget taghmel xi qadi barra sabiex jinfurmaha b'dak kollu li gara. Jghid li hu qatt ma rega' kellem liz-zija.

Inkontroezami jghid li qabel ma dahal fil-kamra taz-zija hu kien qieghed gol-kamra tas-salott jaghmel it-TikToks. Izid jghid li l-kamra tas-salott u ta' zitu jinsabu fl-istess sular tad-dar. Jixhed li gor-residenza kien hemm anke n-nanna prezenti izda go kamra ohra iktar 'il gewwa fid-dar. Jixhed li ma jiftakarx jekk hu kienx ghalaq il-bieb warajh meta dahal gol-kamra tas-sodda tal-akkuzata. Jghid li hu kellem lil ommu tramite telefonata fuq il-mobile u ma kienx kellem lin-nanna rigward l-allegat incident. Ma jiftakarx jekk dahalx fil-kamra tal-banju qabel ma cempel lil ommu. Jghid li hu cempel lil ommu mill-kamra tas-salott. Izid jghid li wara li kellem lil ommu hu mar joqghod bilqieghda fuq is-sufan waqt li qaghad ghassa ghal bieb tal-kamra tal-akkuzata hu kien qieghed jara TikToks fuq il-mobile tieghu. Jixhed li hu ma qalx lill-akkuzata biex tmissu. Jixhed li kien hemm zmien fejn hu kien jara filmati pornografici izda kien waqaf madwar sena qabel ma sehh l-allegat incident. Dan anke minhabba l-fatt li kienu kellmuh ommu

u missieru. Ikompli jghid li meta giet lejh l-akkuzata hu kien fl-entratura tal-kamra tas-sodda.

Illi xehdet **<u>-Omissis-</u>** li hija omm il-vittma minuri u tghid li dak iz-zmien li sehh l-allegat reat kienet fil-bidu tas-separazzjoni taghha minn mar-ragel u minhabba dan il-fatt hi kienet qieghda tghix ghand iz-zija taghha. Tixhed li dakinhar tal-allegat reat hi marret ghand ohtha li tghix m'ommha u ma' zija ohra u cioè l-akkuzata. Izzid tghid li dakinhar it-tifel taghha talabha biex joqghod id-dar m'ommha u mal-akkuzata sabiex ikun jista' jilghab mal-kugina tieghu. Tghid li dakinhar kellha gurnata mimlija filming kif ukoll studju. Tixhed li hin minnhom il-vittma minuri kien cempel tramite l-mobile tieghu. Tixhed li binha instema' ecitat u xtaqha sabiex tmur ghalih malajr kemm jista' jkun minghajr ma dahal f'hafna dettall. Tghid li hi qaltlu biex joqghod fil-parapett waqt li tmur lejn -Omissis- minn -Omissis-. Tkompli tixhed li xhin waslet il-vittma minuri spjegalha li l-akkuzata qaltlu biex inizzel il-qalziet tieghu. Tixhed li l-vittma minuri spjegalha li l-akkuzata kienet anke ghalqet il-bieb tal-kamra taghha.

Inkontroezami tghid li ma kinitx hi li marret taghmel ir-rapport fil-konfront tal-akkuzata. Tghid ukoll li hi dahlet god-dar b'mod irrabjat. Tghid li binha qatt ma kellu perjodu ta' zmien meta kien jara filmati pornografici. Tghid li qatt ma hadet lit-tifel l-Appogg rigward problemi relatati mal-vizzju tal-pornografija. Tghid però li kien hemm darba fejn hi flimkien mal-eks ragel taghha qabduh isegwi l-pornografija fuq il-mobile. Tghid li l-akkuzata tagixxi u titkellem bhal tifla zghira.

Illi xehdet **Valentina Mintoff** inrapprezentanza tal-Appogg fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal u tghid li fil-kaz odjern hi kienet wettqet l-intervista forensika tal-vittma minuri. Tghid li parti mill-procedura meta jsir dawn it-tip ta' intervisti hija li hi tintroduci lilha nnifisha kif ukoll il-minorenni filwaqt li tinfurmah li qieghed jigi rrekordjat b'mod awdjo-vizwali. Il-minorenni eventwalment jitkellem dwar l-affarijiet li jhobb sabiex ikun iktar komdu maghha u mbaghad jibdew bid-domandi fuq l-allegat kaz. Tghid li hi twissi lill-minuri li huwa importanti li jinghad il-verità tant li jippruvaw jiggwidawh b'sett ta' domandi semplici sabiex ikun jista' jidra jwiegeb b'mod korrett. Tixhed li hi kellmet lill-vittma minuri rigward il-familja tieghu u hu stqarr li jghix m'ommu

u mas-sieheb taghha. Tghid li hu spjega li ghandu relazzjoni tajba mat-tnejn li huma filwaqt li jiltaqa' ma' missieru madwar tliet (3) darbiet fil-gimgha. Tixhed li l-vittma minuri qalilha li hu ghandu relazzjoni tajba man-nanniet paterni izda kien ilu ma jitkellem man-nanna materna stante li oht din in-nanna skont hu "m'hix normali" u "qisha belha". Din il-persuna fil-fatt hija l-akkuzata u tigi z-zija t'ommu.

Tkompli tghid li l-vittma minuri spjegalha li meta kugintu u ommu hargu jixtru hu baqa' d-dar jara t-televizjoni fuq is-sufan meta l-akkuzata ghajtitlu sabiex imur gol-kamra taghha. Tixhed li l-vittma minuri spjega li z-zija ghalqet il-bieb u qabdet il-parti privata tieghu. Tghid li wara li sehh dan hu hareg mill-kamra u cempel lil ommu sabiex tigi lura ghalih. Tixhed li meta giet lura l-omm hi kkonfrontat lill-akkuzata izda hi nnegat kollox. Tghid li t-tifel filwaqt li wera xewqa li jerga' jaghmel kuntatt man-nanna materna hu jibza' mill-akkuzata kif ukoll ihoss rabja lejha. Tghid li din l-intervista sehhet fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2021. Tali intervista giet ipprezentata tramite USB immarkat bhala Dok. VM1.

Illi xehed **-Omissis-** li huwa missier il-vittma minuri u jghid li ftit taz-zmien ilu kien acceda gewwa l-Child Protection Services. Jixhed li dak iz-zmien kien qieghed jissepara minn mal-mara u kellu bzonn l-ghajnuna. Jixhed li mac-Child Protection Services ma tkellmu fuq xejn iktar. Jghid li ibnu dak iz-zmien li gara l-allegat incident kien qieghed jghix m'ommu. Jghid li ibnu ftit li xejn kien ikellmu fuq affarijiet li ghaddej minnhom stante li huwa pjuttost rizervat bhala karattru.

Inkontroezami jghid li hu mar ic-Child Protection Services mat-tifel stante li ibnu kien qieghed ikollu diffikultajiet l-iskola. Jghid li r-raguni li sseparaw hu u -Omissis- kien minhabba li ma kinux jaqblu ghal snin twal. Jixhed li ibnu kien inghata mobile minghandu u minghand eks-martu u kull xahar kien jara l-istorja ta' dan il-mobile u nnota li ibnu kien qieghed jara filmati pornografici. Jghid li dan kien sehh meta kellu bejn ghaxar (10) u hdax (11)-il sena. Jghid li kienu marru l-Appogg bit-tifel minhabba l-allegat incident. Jghid li hu kien ghamel ir-rapport xi gimaghtejn wara li sehh l-allegat incident.

Illi xehdu **<u>Dr Rachel Taylor East</u>** u **<u>Dr Veronica Ellul Federici</u>** konguntivament li jghidu li huma gew nominati sabiex jirrelataw fuq l-abilitajiet intellettwali tal-imputata. Jghidu li rrizultalhom li l-akkuzata ghandha learning disability filwaqt li m'ghandhiex problemi ta' sahha mentali u wisq anqas problemi ta' sustanzi. Jixhdu li jistghu jikkonfermaw li l-akkuzata hija interdetta. Jghidu li meta giet intervistata l-akkuzata, l-istess akkuzata kellha diffikultà sabiex tispjega x'taghmel kuljum b'mod dettaljat. Jixhdu li fil-fatt kellhom bzonn jitolbu l-gwida tan-neputi taghha. Tghid li rigward l-allegat incident hi tishaq li dan ma sehhx minghajr ma setghet tidhol f'hafna dettall. Jikkonfermaw li l-komunikazzjoni taghha hija limitata hafna. Jghidu wkoll li huma wettqu testijiet rigward l-intelligenza tal-akkuzata fosthom il-memorja, il-vokabolarju kif ukoll ta' informazzjoni. Jghidu li hi gabet rizultat pjuttost baxx u cioè IQ ta' wiehed u sittin (61). Izidu jghidu li dan jaqa' fil-kategorija ta' extremely low range. Jghidu li stante li kienet difficli biex tikkomunika mal-akkuzata huma ma setghux jidhlu fid-dettall fuq jekk l-akkuzata tafx taghraf id-differenza bejn it-tajjeb u l-hazin. Jghidu li l-akkuzata kellha bzonn l-ghajnuna f'hajjitha kollha specjalment meta kienet tkun ikkonfrontata b'ghazliet ikkumplikati. Jikkonferma li hi qatt ma kellha relazzjoni

intima f’hajjitha. Ipprezentaw il-konkluzjonijiet taghhom tramite rapport immarkat bhala Dok. RTA1.

Inkontroezami jghidu li r-rizultat tal-persuna medja, cioè 922110, huwa wiehed standardised izda mhux fuq il-populazzjoni Maltija. Jikkonfermaw però li r-rizultat finali huma attribwiti skont li wiegbet l-akkuzata. Jipprecizaw li r-rizultat ta’ IQ ta’ wiehed u sittin (61) ifisser li l-akkuzata qieghda tbati skont id-dizabilità intellettwali ta’ DSM 5. Tghid li dan ifisser li anke fil-hajja socjali, l-akkuzata tbati hafna filwaqt li anke jkollha problema li tippjana fil-futur. Jikkonfermaw li jkollha diffikultajiet ukoll biex tqis jekk sitwazzjoni hijiex tajba jew hazina. Tghid persuna b’dak ir-rizultat ikollha anke diffikultajiet fir-responsabilitajiet ta’ kuljum. Jghidu li t-testijiet huma maghmulin u adattati ghal nies mill-età ta’ bejn it-tmintax (18)-il sena u disghin (90) sena. Jghidu li huwa difficli tikkumpara l-IQ tal-akkuzata ma’ persuna li ghadha minorenni. Jikkonfermaw li m’hemmx testijiet li juru li età partikolari hija ekwivalenti ghal rizultat ta’ IQ specifiku. Jghidu li jista’ jkun li l-akkuzata taghraf id-differenza bejn it-tajjeb u l-hazin izda jkollha bzonn iktar ghajnuna.

## Ikkunsidrat

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et*

*u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx provi tangibbli u konkreti li l-allegati reati kkommettiethom l-imputata odjerna u dan ghaliex jirrizulta li hargu diversi inkonsistenzi u nuqqasijiet fil-provi li ngabru mill-prosekuzzjoni u dan kif ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser tasal ghal konkluzjoni ahharija taghha billi tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex jigi determinat l-ezitu ta' dan il-kaz. Illi dwar dan il-punt, il-Qrati

nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **<u>Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew*

*interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di più mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Cyrus Engerer (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

> *"...Biex wiehed jistabilixxi jekk il-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

## Ikkunsidrat

Illi jinghad li dan il-kaz jistrieh kompletament fuq il-kredibilità tal-minuri -Omissis- kif ikkorroborata mal-provi l-ohra mressqa mill-

prosekuzzjoni. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun qed tanalizza tali xhieda ta' minuri huma dawk tal-idonejità tieghu bhala xhud u jekk it-testimonjanza tieghu ghandhiex mis-sewwa. Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, lokalment ghandna gurisprudenza varja li tghallimna dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici** datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk –

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk*

*fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness**.*

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is*

*that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent***[1]*. It cannot hear him without oath (...)"*

Illi ghaldaqstant m'hemmx dubju illi ghalkemm il-minuri - Omissis- kien ghadu minorenni meta ta x-xhieda tieghu, din il-Qorti, hadet il-prekawzjonijiet kollha rikjesta mil-ligi u cioè li tali xhud ikun jaf l-importanza li jghid il-verità shiha, u ghalhekk kienet sodisfatta illi l-istess minuri fehem li ried jghid tali verità.

Illi rigward il-veracità tax-xhieda tal-minuri ghandu jinghad mill-bidu, li fix-xhieda tieghu, l-istess minuri kien inkonsistenti u dan ghaliex il-verzjoni tieghu ma giex ikkorroborata mill-verzjoni ta' diversi xhieda li l-prosekuzzjoni ressqet, fosthom ommu u l-persuna li wettqet l-intervista forensika Valentina Mintoff.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

[1] Emfazi tal-Qorti

Illi l-imputata -Omissis- qieghda tigi akkuzata taht l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula hekk:

> *"Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin."*

Illi mix-xhieda tal-minuri -Omissis- ma harigx bic-car li l-fatt sehh. Inkonsistenza li harget mix-xhieda prodotti kienet jekk l-imputata ghalqitx il-bieb tal-kamra tas-sodda taghha jew le. Il-vittma minuri jghid hekk a fol. 279 tal-atti processwali:

> *"Difiza:* *Issa inti x'hin ghajtitlek -Omissis-, il-bieb tal-kamra kien miftuh jew maghluq?*
>
> *XXhud:* *Ma niftakarx ghax provajt ninsiha s-sitwazzjoni, ma niftakarx."*

Illi min-naha l-ohra l-istess vittma minuri sahaq ma' Valentina Mintoff (li amministrat l-intervista forensika) li l-imputata ghalqet il-bieb. L-istess sahqet omm il-vittma minuri -Omissis- fit-testimonjanza taghha datata wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena 2022. Dettall bhal dan zgur ma jistax jintesa izda xorta wahda hemm tali dubju.

Illi inkonsistenza ohra hi rigward il-mod kif saret l-attività sesswali. Fix-xhieda tieghu l-minuri jghid hekk a fol. 24 tal-atti processwali:

*"Qorti:* *Mela, hi qabditlek il-parti tieghek. Issa, qabditlek il-parti tieghek fuq il-hwejjeg jew taht il-hwejjeg?*

*Xhud:* *Fuq il-hwejjeg."*

Illi l-istess minuri, fl-intervista forensika, kien sahaq li l-imputata kienet nehhitlu l-qalziet u ghafset gisimha mieghu. Verzjoni ohra moghtija mill-Ispettur Dorianne Tabone tghid li l-imputata tat

daqqa fuq il-parti privata tal-vittma minuri. Stante dawn l-inkonsistenzi lampanti fid-diversi verzjonijiet mill-minuri li tali inkonsistenzi jistghu jidhru bhala minimi izda xejn anqas importanti, din il-Qorti tinsab hosbiena jekk verament garax il-fatt allegat.

Illi di più hareg mill-atti li hemm ezistenti nuqqas kbir ta' komunikazzjoni bejn il-genituri tal-vittma minuri u l-istess li dawn jafu jaslu ghal problemi serji. Il-Qorti qieghda taghmel referenza ghax-xhieda moghtija minn -Omissis- datata sitta (6) ta' Marzu 2023. Dakinhar l-omm primarjament cahdet li l-vittma minuri kien inqabad isegwi materjal pornografiku izda malajr bidlet id-diska xhin indunat li -Omissis-, il-missier naturali, zvela li t-tifel kien fil-fatt ghamel zmien jara l-materjal pornografiku. Tant kien isegwi tali materjal li kien ittiehed l-Appogg sabiex din il-problema tigi indirizzata[2].

Illi ghalhekk la l-vittma minuri, u wisq anqas il-genituri tal-istess vittma minuri, ma ghenu lil din il-Qorti sabiex tqis li x-xhieda ta'

[2] Fol 64 tal-atti processwali.

-Omissis- ghandha mis-sewwa u wisq tibza' li din l-istorja giet manifatturata.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi a rigward l-element mentali, mill-qari tal-atti hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-imputata ma setghax kellha l-*mens rea* sabiex tikkommetti dak li qieghed jigi allegat mill-Prosekuzzjoni ghalkemm din ma gietx dikjarata bhala inkapaci ai finijiet ta' reati kriminali. Huwa principju ben stabbilit li sabiex ikun hemm delitt irid ikun hemm prezenti kemm l-*actus reus* kif ukoll il-*mens rea*.

Illi r-regola generali fid-dritt penali hija li *"actus non facit reum, nisi mens sit rea"*. Di fatti **<u>l-Professur Mamo</u>** jghid hekk fin-noti tieghu:

> *"The general conditions of criminal responsibility are indicated with sufficient accuracy in the old legal maxim: "actus non facit reum, nisi mens sit rea". The act alone does not amount to guilt: it must be accompanied by a guilty*

*mind. That is to say, there are two conditions to be fulfilled before criminal responsibility can rightly be imposed, and we may conveniently distinguish these as the material and the formal conditions of liability. The material condition is the doing of some act by the person to be held liable. A man is to be accounted responsible only for what he himself does, not for what other persons do, or for events independent of human activity altogether. The formal condition, on the other hand, is the "mens rea", or guilty mind, with which the act is done."*

Illi fl-ahhar mill-ahhar il-Qorti taghmel taghha dak li kkonkludew l-esperti Dr Veroncia Ellul Federici u Dr Rachel Taylor East a fol. 96 tal-atti processwali:

*"According to the Diagnostic and Statistical Manual of Mental Disorders (DSM-5)* ***Intellectual Disability*** *is a neurodevelopmental disorder that begins in childhood* ***and is characterised by intellectual difficulties as well as***

***difficulties in conceptual, social, and practical areas of living*[3]*. …*

*After reading the charges, after going through Ms. -Omissis-'s documents presented to us by the court and after having psychiatrically and psychologically examined Ms. -Omissis-,*

- *It is our opinion that Ms. -Omissis-* ***meets criteria for diagnosis of Intellectual Disability.*** *Her cognitive skills are in the extremely low range."*

Illi maghdud ma' dan il-Qorti hija konsapevoli tal-ezistenza tal-interdizzjoni fil-konfront tal-imputata u dan skont kif ikkonfermaw l-istess esperti Dr Rachel Taylor East u Dr Veronica Ellul Federici a fol. 97 tal-atti processwali. Tali interdizzjoni ma gietx ikkontestata mill-prosekuzzjoni u ghalhekk tkompli ssahhah il-fehma kif ukoll id-decizjoni finali ta' din il-Qorti.

[3] Emfazi ta' din il-Qorti.

Illi  ghaldaqstant, anke li kieku gie ppruvat l-att sesswali bejn il-partijiet, madanakollu din il-Qorti ma tistax tqis illi l-imputata seta' kellha l-*mens rea* necessarja sabiex tkun taf li kienet qieghda tikkommetti reat u dan ghar-ragunijiet elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza u ghalhekk l-akkuzi kollha kontra l-imputata mhumiex ippruvati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputata **-Omissis-** hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha stante li ma gewx ippruvati oltrè d-dubju dettat mil-ligi u ghalhekk qieghda tigi liberata minn kull htija u piena.

-----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**